# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Digriet tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tal-14 ta' Lulju 2016 – Alcimos Consulting vs BĊE**

**(Kawża T-368/15)**

"Rikors għal annullament — Rikors għad-danni — Deċiżjonijiet adottati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE — Provvista ta' likwidità f'emerġenza lill-banek Griegi — Limitu massimu — Nuqqas ta' interess dirett — Inammissibbiltà — Ksur tar-rekwiziti proċedurali"

1. *Rikors għal annullament — Interess ġuridiku — Interess li jiġi stmat fid-data tal-preżentata tar-rikors — Rikors ippreżentat kontra att li pproduċa effetti legalment vinkolanti fir-rigward tar-rikorrent — Tħassir tal-att ikkontestat fil-mori tal-kawża — Dikjarazzjoni li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni — Inammissibbiltà — Żamma tal-interess tar-rikorrent li jikseb ir-rikonoxximent tal-illegalità tal-att ikkontestat (Artikoli 263 TFUE u 266 TFUE) (ara l-punti 23, 25)*

2. *Rikors għal annullament — Persuni fiżiċi jew ġuridiċi — Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment — Inċidenza diretta — Kriterji — Deċiżjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew li jikkonċernaw il-provvista ta' likwidità f'emerġenza lill-banek Griegi — Rikors ta' impriża li tqis ruħha leża mill-adozzjoni ta' miżuri nazzjonali ta' implementazzjoni tal-imsemmija deċiżjonijiet — Assenza ta' awtomatiċità bejn il-miżuri nazzjonali u d-deċiżjonijiet ikkontestati — Assenza ta' interess dirett — Inammissibbiltà (Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE) (ara l-punti 29, 33, 36-38)*

3. *Proċedura ġudizzjarja — Rikors promotur — Rekwiżiti proċedurali — Identifikazzjoni tas-suġġett tat-tilwima — Espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati — Rikors intiż għall-kumpens għad-danni allegatament ikkawżati minn istituzzjoni tal-Unjoni — Nuqqas ta' preċiżjoni fir-rigward tal-aġir li bih hija akkużata din l-istituzzjoni, fir-rigward tan-natura tad-dannu u fir-rigward tar-rabta kawżali — Inammissibbiltà — Ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Assenza (Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 76(d)) (ara l-punti 42, 46)*

## Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, tat-28 ta' Ġunju 2015, li permezz tagħha ġiet deċiża ż-żamma tal-limitu massimu tal-provvista ta' likwidità f'emerġenza lill-banek Griegi fil-livell deċiż fis-26 ta' Ġunju 2015 u tas-6 ta' Lulju 2015 li permezz tagħha ġiet deċiża l-istess żamma kif ukoll

l-aġġustament tat-tnaqqis applikat fuq il-garanziji aċċettati mill-Bank tal-Greċja f'dak ir-rigward, u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża għall-kisba ta' kumpens għad-dannu li r-rikorrenti allegatament sostniet bħala riżultat tal-imsemmija deċiżjonijiet.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

2) Alcimos Consulting SMPC hija kkundannata għall-ispejjeż.